



Brussell, 17 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10397/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0088(NLE)**

**SCH-EVAL 84
ENFOPOL 361
COMIX 325**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ġunju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9737/22
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tan- Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ġunju 2022.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Mejju 2021 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tan-Netherlands. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)970, ġie adottat rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet, filwaqt li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) L-evalwazzjoni identifikat diversi prattiki tajbin. L-awtoritajiet tal-pulizija Netherlandiżi japplikaw Mudell obligatorju ta' Għażla tal-Kanal, li jiddetermina l-għażla tal-kanal għal talbiet internazzjonali ħerġin u jistabbilixxi kriterji biex tiġi vvalutata l-urġenza tal-każijiet filwaqt li titqies l-aġenda tas-sigurtà nazzjonali. Timijiet tal-pulizija transfruntiera speċjali, li jinkludu uffiċjali tal-infurzar tal-liġi Ġermaniżi u Netherlandiżi, iwettqu pattulji konġunti mmexxija mill-intelligence. L-uffiċjali tal-pulizija Netherlandiżi huma mġhammra b'apparat mobbli, li jagħtihom aċċess għal twissijiet internazzjonali iżda jipprovduhom ukoll sett ta' għodod għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija.
- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu min-Netherlands sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1 sa 6.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li n-Netherlands, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jipprovdu lill-Kummissjoni l-valutazzjoni tagħhom dwar implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet għal titjib b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa.

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li n-Netherlands

Strateġija tal-valutazzjoni tar-riskju, analiżi tar-riskju u prodotti analitiċi simili

1. jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-għdida dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija;
2. jiżviluppaw metodoloġija ta' analiżi tar-riskju konġunta mal-Istati Membri ġirien biex jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija;

Ġestjoni tal-informazzjoni u bażijiet tad-data internazzjonali

3. jintroduċu sistema komuni u awtomatizzata għall-ġestjoni tal-każijiet għall-Punt Uniku ta' Kuntatt, li jkun fiha magna tal-fluss tax-xogħol u tintegra l-kanali internazzjonali kollha;
4. itejbu l-applikazzjoni nazzjonali tat-tiftix (MEOs) sabiex turi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu b'mod suffiċjentement ċar;
5. jestendu l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol għall-unitajiet investigattivi;
6. jiżguraw aċċess reċiproku sħiħ għall-bażijiet ta' data operazzjonali ta' xulxin għall-Pulizija Nazzjonali u l-Marechaussée;
7. jiżviluppaw aċċess kompjuterizzat għar-reġistri ta' stabbilimenti li jipprovdu akkomodazzjoni skont l-Artikolu 45 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen f'konformità mal-liġi nazzjonali;

Ftehimiet bi/multilaterali

8. jimplimentaw mekkaniżmu ta' rieżami formali biex jivvalutaw il-ftehim bilaterali dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija mal-Ġermanja fid-dawl ta' aġġornamenti possibbli bbażati fuq il-prattiki tajba żviluppati reċentement taħt il-ftehim ta' Senningen;

Kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali

9. jiżguraw l-interoperabbiltà u l-kopertura tat-telekomunikazzjoni transfruntiera bir-radju mal-Ġermanja f'konformità mal-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

L-etika tal-forzi tal-pulizija

10. iqajmu kuxjenza fost l-uffiċjali tal-pulizija dwar metodi ta' rappurtar għal imġiba mhux etika u jiżguraw sinerġija bejn l-awtoritajiet ewlenin tal-infurzar tal-liġi f'dak li għandu x'jaqsam mal-approċċ tal-analiżi tar-riskju tagħhom bħala parti mill-istrateġiji ta' integrità tagħhom;

Taħriġ

11. jiġbru u jespandu l-elementi edukattivi eżistenti dwar l-użu ta' għodod ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija f'korsijiet ta' taħriġ dedikati, imfassla għal profili differenti bħall-operaturi fil-Punt Uniku ta' Kuntatt.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
